PARLAMENT TA' MALTA

IT-TNAX-IL LEĠISLATURA

P.L. 2611

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 136 tat-2 ta' April 2014 mill-Onor Carmela Abela, M.P.

Raymond Scicluna
Skrivan tal-Kamra

2 ta` April, 2014

Għaziz Membru Parlamentari,

<u>Petizzjoni mill-Poplu Malti kontra d-dħul tal-addozzjoni minn persuni omossesswali</u>

Qiegħdin niktbulkom dina l-ittra sabiex ninfurmawkom li din il-ġimgħa aħna ipprezentajna lill-Ispeaker tal-Kamra tad-deputati kif ukoll liz-zewg 'whips' taz-zewg gruppi Parlamentari l-foto-kopji tal-firem bid-dettalji personali tal-persuni li ffirmaw il-petizzjoni, liema petizzjoni ġiet iffirmata minn aktar minn għaxart'elef (10,000) persuna fi zmien ta' inqas minn erbgħa ġimgħat li fiha wrew il-fehma tagħhom kontra l-pjani tal-Gvern Malti li jilleġisla l-Att dwar Unjoni Civili u li ukoll fejn fih jagħti d-dritt lil persuni omossesswali li jaddottaw it-tfal.

Nixtieq nirreferik taqra t-test tal-petizzjoni. Għaliex din il-materja tant sensittiva għandha tiġi studjata f'aktar dettal u mingħajr ebda 'bias' miz-zewġ partiti politiċi u l-poplu għandu kull dritt isemma leħnu. Dan ma hux talli ma sarx jew qiegħed isir talli l-Gvern ippropona abbozz ta` liġi bħala 'fait accompli'. Fuq liema bazi sar dan kollu? Giet ippublikata 'green paper' jew 'white paper' fuq materja tant sensittiva? Ir-risposta hija li le. Kif hija l-istess risposta "le" għal mistoqsija jekk persuni omossesswali li jingħaqdu f'unjoni civili – li ma hi xejn ħlief stat ta` zwieġ civili mogħti terminu differenti, jingħatalhomx ukoll id-dritt għall-adozzjoni.

Huwa preċizament għal din ir-raġuni li aħna qegħdin nipprezentaw din il-petizzjoni lill-Ispeaker u liz-zewġ 'whips' sabiex inwasslu l-messaġġ tagħna: li l-addozzjoni tat-tfal minn persuni omossesswali ma għandhiex issir għaliex ma hix fl-interess tat-tfal innifishom; m'hijiex ta' ġid għalihom li jkunu neqsin milli jitrabbew f'familja naturali.

Għalkemm l-omofobija bħala persekuzzjoni ta' persuni fi stil ta' ħajja omosesswali għandha tkun imrażżna u bl-ebda mod ma naqblu magħha, madankollu ħafna jħossu li bħala pajjiż qed immorru minn estrem għall-ieħor. Il-fatt jibqa zgur li l-ebda 'omm' tajba kemm hi tajba, ma tista qatt tgħati l-imħabba ta' missier, u viceversa, l-ebda 'missier' tajjeb kemm hu tajjeb, ma jista qatt jgħati l-imħabba ta' omm! It-tfal għandhom bzonn li jkollom sew mama-femminili u kif ukoll papa-maskili, biex ikollom l-aħjar trobbijja sana għal izvilupp ibbilanċat tagħhom. Dan li jixraqilhom u dan kien minn dejjem il-pjan u disinn perfett u divin ta' Alla! Għalkemm insibu xi eċċezzjonijiet f'kull sfera tal-ħajja, pero bla dubju ta' xejn, l-ebda eċċezzjoni m'għanda qatt issir ir-regola!

Fil-maġġoranza tal-Maltin minn kull naħa tal-fehma politika ma għoġbithomx il-liġi proposta dwar l-unjoni ċivili peress li ma jinħassx il-bżonn għal liġi bhal din. Min irid ikollu aktar drittijiet ċivili bħala kopja tal-istess sess fejn għandu x'jaqsam ma` wirt u kuntatt ma partner f'każ ta' mard jista' wkoll jagħmel hekk permezz ta' nutar.

Jekk fi zmien ta madwar 4 ġimgħat inġabru dawn l-10,000 firma, kemm aħna aktar konvinti li niġbru aktar firem mitluba skont il-liġi sabiex isir Referendum Abrogattiv fl-eventwalita` sfortunata li tiġi ntrodotta l-liġi li tagħti d-dritt lil persuni omossesswali li jadottaw (!).

Aħna disposti li niltaqgħu magħkom sabiex nispjegaw u nelaboraw aħjar fuq l-effetti ħziena tal-adozzjoni tat-tfal (imponuti fuqhom) minn persuni omossesswali. Sitwazzjoni sfortunata ma tiġix rizolta u solvuta b'soluzzjoni erratika. Adozzjoni minn persuni omossesswali hija suġġett sensittiv ħafna ħafna li jimmerita studji soċjoloġiku u morali (ibbazati iva fuq morali Kristjani) serji u minn sorsi diversi taz-zewġ lati opposti għaliex liġi bħal din ser ikollha effetti fuq il-ġenerazzjonijiet li ġejjin, kemm dawk addottati u anke fuq is-socjeta` Maltija in ġenerali.

Ilkoll kemm aħna għad irridu ngħatu rendikont lil Alla u hemm gudizzju rett quddiemu; kull bniedem irid jeħodha fuq il-kuxjenza tiegħu għaliex irid jagħti kont lil Alla fuq deċizjoni serja bħal din. Sakemm nisimgħu mingħandhom fuq l-email administration@safeguardmalta.org

Nawgurawlkom il-ħidma t-tajba b'risq il-poplu Malti u l-umanita`.

Grazzi tal-attenzjoni u tislijiet. Dejjem fit-talb tagħna,

Pastor Dr. Gordon-John Manche'

------------------------------

Social Worker Christopher Abela

------------------------------

Avukat Dr. Mark Fenech Vella

------------------------------

**Firem għal petizzjoni**

(1) Aħna li qed niffirmaw naqblu b'mod unanimu li t-tfal għandhom ikollom id-dritt li jiġu addotati BISS minn koppja miżżewġa ta' sess oppost: Li t-tfal għandhom jingħataw id-dritt li jitrabbew f'ambjent li jgħinhom jikbru f'saħħithom fejn ikun hemm missier ta' vera (raġel/maskili) u omm ta' vera (mara/femminili). Dan m'huwiex biss id-disinn naturali li ħalaq Alla, imma huwa wkoll l-aqwa disinn sabiex it-tfal jikbru psikoloġikament u emozzjonalment f'saħħithom. Dan diment li jkun hemm l-involviment meħtieġ b'sehem ugwali, biex l-ulied jiġu mgħejuna jikbru, kemm minn figura ta' missier kif ukoll minn figura ta' omm!

Waqt li nifhmu li fil-ħajja jeżistu eċċezzjonijiet f'kollox u f'kull qasam li jistgħu itellfu li t-tfal igawdu milli jiġi mrobbija sew minn mara (femminili) u raġel (maskili), bħal per eżempju familji ta' 'single parents' jew tfal f'postijiet residenzjali ta' kura, madankollu, dawn l-eċċezzjonijiet m'għandhom qatt ikunu r-regola – il-liġi!

(2) Naqblu wkoll li m'għandhomx isiru interventi artifiċjali bħal IVF fuq persuni li huma f'relazzjoni f'Unjoni Ċivili li huma tal-istess sess.

(3) Aħna li qed niffirmaw hawn taħt naqblu wkoll li aħna kontra l-prinċipju mressaq permezz tal-Abbozz ta' Liġi li ma jagħmel l-ebda distinzjoni konkreta bejn Unjoni Ċivili bejn tnejn omosesswali u dik ta' żwieġ bejn tnejn eterosesswali bid-drittijiet u l-obbligi kollha li jġib miegħu iż-żwieġ. L-hekk imsejjħa Unjoni Ċivili m'għandiex tkun l-istess bħaż-żwieġ fejn għandhom x'jaqsmu d-drittijiet u l-obbligi.

Iż-żwieġ huwa stituzzjoni mwaqqfa minn Alla u bl-aktar mod naturali kif ukoll soċjali li għandu jkompli jiġi mogħti ġieh fis-soċjeta` *sine qua non* għax huwa l-unika stituzzjoni naturali u soċjali li tiggarantixxi l-għejxien dejjiemi tal-bniedem. Dan minn kull aspett, kemm jekk huma ulied, edukazzjoni tul il-ħajja, esperjenzi ta' mħabba u affezzjoni, kif ukoll kull tip ta' sapport kemm jekk hu fiżiku, mentali jew psiko-soċjali.

Il-familja ffurmata minn raġel u mara magħqudin f'isem wieħed u miftuħa għat-tnissil ta' ulied għandha tibqa tkun ix-xempju tar-relazzjonijiet li s-soċjeta` tħaddan u ssostni. L-ebda relazzjoni oħra, għalkemm aċċettata mis-soċjeta`, m'għandha tkun formalment magħrufa bħala simili jew l-istess bħaż-żwieġ ta' bejn mara u raġel!

Jekk jogħġbok jekk taqbel mal-istqarrijiet t'hawn fuq iffirma l-petizzjoni t'hawn taħt flimkien ma ismek sħiħ u in-numru tal-karta tal-identità:

(4) Aħna li qed niffirmaw hawn taħt ma naqblux li isiru jew jgħaddu dawn il-liġijiet imsemmijja, imma jekk il-gvern jinsisti dawn għandhom jgħaddu biss permezz ta referendum nazzjonali!